

dawk li jeżistu f'dak li jikkonċerna l-logħob kummerċjalizzati permezz ta' kanali tradizzjonali. Fil-preżenza ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika bl-istess mod għall-offerti ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel online u għal dawk imwettqa permezz ta' kanali tradizzjonali, għandha ssir evalwazzjoni tat-tfixkil tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi mill-perspettiva tar-restrizzjonijiet fuq is-settur ikkonċernat kollu.

(¹) ĠU C 197, 02.08.2008.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Ġunju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Finanzgericht Köln — Il-Ġermanja) — Wienand Meilicke, Heidi Christa Weyde, Marina Stöfler vs Finanzamt Bonn-Innenstadt

(Kawża C-262/09) (¹)

(Moviment liberu tal-kapital — Taxxa fuq id-dħul — Dikjarazzjoni dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji effettivament imħallsa fir-rigward tad-dividendi ta' oriġini barranija — Prevenzjoni tat-tassazzjoni doppja tad-dividendi — Kreditu fiskali għad-dividendi mħallsa minn kumpanniji residenti — Provi meħtieġa fir-rigward tat-taxxa barranija li tista' tiġi paċuta)

(2011/C 252/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wienand Meilicke, Heidi Christa Weyde, Marina Stöfler

Konvenuta: Finanzamt Bonn-Innenstadt

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Finanzgericht Köln — Interpretazzjoni tal-Artikolu 56 KE u tal-Artikolu 58(1)(a) u (3) KE, kif ukoll tal-prinċipji tal-effiċjenza u tal-effettività — Tqassim ta' dividendi minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru lil persuna suġġetta għat-taxxa fi Stat Membru ieħor — Kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tas-sistema ta' tassazzjoni tad-dħul fit-tieni Stat Membru li, minn naħa, tipprevedi "kreditu fiskali" li jikkorrispondi għal 3/7 tad-dividendi grossi, u dan minkejja li t-taxxa fuq il-kumpanniji li tolgot lil dawn id-dividendi fil-prattika ma tistax tiġi ddeterminata minn kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u li, min-naħa l-oħra, tissuġġetta dan il-"kreditu fiskali" għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji stabbilita skont id-dritt fiskali rispettiv, u dan minkejja li jidher li fil-prattika huwa impossibbli li l-persuna suġġetta għat-taxxa tipproduċi tali dikjarazzjoni fir-rigward ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor

Dispożittiv

(1) Sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-kreditu fiskali li għandu dritt għalih azzjonist suġġett għat-taxxa prinċipalment fi Stat Membru fir-rigward ta' dividendi mħallsa minn kumpannija b'kapital azzjonarju stabbilita fi Stat Membru ieħor, l-Artikoli 56 KE u 58 KE

jipprekludu l-applikazzjoni, fin-nuqqas li jiġu prodotti l-provi meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-ewwel Stat Membru, ta' dispożizzjoni bħall-punt 3 tat-tieni sentenza tal-Artikolu 36(2) tal-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul (Einkommensteuergesetz), tas-7 ta' Settembru 1990, kif emendata bil-liġi tat-13 ta' Settembru 1993, li permezz tagħha t-taxxa fuq il-kumpanniji imposta fuq id-dividendi ta' oriġini barranija għandha tiġi paċuta mat-taxxa fuq id-dħul tal-azzjonist sal-frazzjoni tat-taxxa fuq il-kumpanniji imposta fuq id-dividendi grossi mqassma mill-kumpanniji tal-ewwel Stat Membru.

Il-kalkolu tal-kreditu fiskali għandu jsir skont ir-rata ta' tassazzjoni tal-profitti mqassma taħt it-taxxa fuq il-kumpanniji applikabli għall-kumpannija li tqassam id-dividendi skont id-dritt tal-Istat Membru fejn hija stabbilita, iżda mingħajr ma l-ammont li għandu jiġi paċut jista' jaqbeż l-ammont tat-taxxa fuq id-dħul li għandu jitħallas fuq id-dividendi li l-azzjonist benefiċjarju jirċievi fl-Istat Membru fejn dan huwa suġġett għat-taxxa prinċipalment.

(2) Fir-rigward tal-livell ta' preċiżjoni li għandhom jissodisfaw il-provi meħtieġa sabiex jinkiseb kreditu fiskali fir-rigward ta' dividendi mħallsa minn kumpannija b'kapital azzjonarju stabbilita fi Stat Membru differenti minn dak fejn huwa suġġett għat-taxxa prinċipalment il-benefiċjarju, l-Artikoli 56 KE u 58 KE jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni bħall-punt (b) tar-raba' sentenza tal-punt 3 tat-tieni sentenza tal-Artikolu 36(2) tal-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul, tas-7 ta' Settembru 1990, kif emendata bil-liġi tat-13 ta' Settembru 1993, li permezz tagħha l-livell ta' dettall kif ukoll il-forma ta' kif jiġu ppreżentati l-provi li għandhom jiġu prodotti minn tali benefiċjarju għandhom ikunu l-istess bħal dawk meħtieġa meta l-kumpannija li tqassam id-dividendi tkun stabbilita fl-Istat Membru ta' tassazzjoni ta' dan il-benefiċjarju.

L-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru msemmi l-aħħar għandhom id-dritt jirrikjeđu li l-imsemmi benefiċjarju jipprovi dokumenti li jippermettulhom jiverifikaw, b'mod ċar u preċiż, jekk il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' kreditu fiskali previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali humiex sodisfatti mingħajr ma jistgħu jagħmlu stima tal-imsemmi kreditu fiskali.

(3) Il-prinċipju ta' effiċjenza jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tat-tieni sentenza tal-Artikolu 175(2) tal-kodiċi tat-taxxi (Abgabenordnung), kif emendat bil-liġi li tittrasponi direttivi tal-Unjoni Ewropea fil-liġi fiskali nazzjonali u li temenda dispożizzjonijiet oħra (Gesetz zur Umsetzung von EU-Richtlinien in nationales Steuerrecht und zur Änderung weiterer Vorschriften), u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 97(9) tal-liġi li tintroduċi l-kodiċi tat-taxxi (Einführungsgesetz zur Abgabenordnung), tal-14 ta' Diċembru 1976, kif emendata, li, b'mod retroattiv u mingħajr ma tipprovi għal perijodu tranżitorju, ma tippermettix li tinkiseb it-tpaċija tat-taxxa barranija fuq il-kumpanniji imposta fuq id-dividendi mħallsa minn kumpannija b'kapital azzjonarju stabbilita fi Stat Membru ieħor permezz tal-produzzjoni jew ta' dikjarazzjoni dwar din it-taxxa li tkun konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih il-benefiċjarju ta' dawn id-dividendi huwa prinċipalment suġġett għat-taxxa, jew ta' dokumenti li jippermettu lill-awtoritajiet fiskali ta' dan l-Istat Membru jiverifikaw, b'mod ċar u preċiż, jekk il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' vantaġġ fiskali humiex sodisfatti. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina x'inhu l-perijodu raġonevoli għall-produzzjoni tal-imsemmija dikjarazzjoni jew tal-imsemmija dokumenti.

(¹) ĠU C 267, 07.11.2009